MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 1016/2009

**Maria Reed**
**I.D. 771050(M)**

**Vs**

**Antonia Attard Gialanze**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Dicembru 2009 fejn intalab illi l-konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lil attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin Ewro, (€631) ammont dovut minnha ghal bejgh tad-deheb, liema somma hija certa, likwida u dovuta, liema bejgh sar fl-1 ta' Ottubru, 2009.

Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fis-7 ta' Lulju 2010 fejn l-konvenuta qed tallega illi l-attrici m'ghandhiex kreditu

kontra l-konvenuta izda filfatt diga rceviet aktar milli messha.

It-Tribunal ezamina x-xhieda li ngiebet.

Ra’ l-affidavit ta’ l-attrici Mary Reed fejn spjegat kif hija marret tbiegh id-deheb li kellha fil-hanut tal-konvenuta. Hija kienet marret flimkien ma bintha Audrey May Reed. Hija kienet diga marret hadet stima minn hant fil-Belt Valletta fejn kien stmalha d-deheb ghall-elf u hames mitt Ewro (€1,500) izda ddecidiet li tmur fil-hanut tal-konvenuta f’Bormla.

Wara li l-konvenuta wiznet id-deheb offriet is-somma ta’ elf sitt mija u wieherd u tlettin Ewro (€1,631) u halset is-somma ta’ elf Ewro (€1,000) dak il-hin stess filwaqt illi ffirmat karta fejn obbligat ruhha li kien ghad fadlilha thallas sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€631). Liema dokument gie pprezentat lit-Tribunal. Filfatt in kontro ezami l-konvenuta kkonfermat illi dan id-dokument hargitu hi u l-firma li hemm fuqu hija filfatt taghha. Dan id-dokument jinsab a fol numru 2 fil-process.

Meta l-konvenuta giet biex thallas l-ammont ta’ sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€631) talbet lil attrici aktar zmien biex thallasha u l-attrici accettat. Wara dan kollu l-konvenuta kkomunikat mal-attrici u infurmata li kienet hadet zball u li d-deheb jiswa elf u mitejn Ewro (€1,200) u mhux elf u sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€1,631).

L-attrici qalet ukoll illi l-konvenuta kienet diga ppruvat tqarraq biha meta kienet qed tizen id-deheb izda kienet indunat it-tifla tal-attrici.

Gie pprezentat ukoll affidavit tat-tifla tal-attrici Audrey May Reed fejn ikkonfermat dak kollu li qalet ommha u spjegat illi meta l-konvenuta kienet qed tizen id-deheb hija pruvat tqarraq fil-mizien izda Audrey indunat u qaltilha biex tuza l-mizien sew u imbaghad il-konvenuta ghamlet ta’ bir-ruhha li kien zball.

Illi f’dan l-affidavit bint l-attrici ikkonfermat illi l-konvenuta

kienet lesta thallas mitejn Ewro (€200) ohra fuq l-elf Ewro (€1000) li kienet diga hallset.

It-Tribunal ra wkoll affidavit li pprezentat il-konvenuta fejn qalet illi hija lil attrici kienet ilha tafha ghax kienet tigi fil-hanut ma ommha. Qalet ukoll illi l-attrici giet wahedha fil-hanut biex tbiegh id-deheb. Il-konvenuta qalet illi hija tfixklet peress illi klijenta ohra fil-hanut. Spjegat ukoll illi l-mizien li ghandha fil-hanut huwa zghir ghal ammont ta’ deheb li gabet Maria Reed u ghalhekk kellha tiznu f’zewg gruppi. Hija infurmat lil attrici li r-rata kienet ta’ tmienja punt hamsa sebgha (8.75) kull gramma u bhala uzin kellha grupp ta’ tlieta u disghin u wiehed u tletin (93.31) gramma u t-tieni grupp ta’ sebgha (7) grammi. Hija filfatt bi zball ghoddiet disa’ t’elef tliet mija u wiehed u tletin (9331) u sebgha mija (700) u qalet li jammontaw ghall- elf sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€1,631).

Fl-affidavit taghha kkonfermat illi halset elf Ewro (€1,000) lil attrici u li kien ghad fadlilha l-ammont ta’ sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€631). Jien infurmajtha bl-izbal u ghedtilha illi l-ammont li kelli nhallas kien biss ta’ tmien mija u sebgha u sebghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€877.71)

A fol 30 tal-process reghet xehdet il-konvenuta in kontra ezami u spjegat illi hija offriet is-somma ta’ tmienja punt hamsa sebgha (8.75) kull gramma u avolja kien suggerit illi dak iz-zmien id-deheb kien jinbiegh bir-rata ta’ tleita u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (€23.12) kull gramma hija spjegat illi l-attrici kienet qed tbiegh deheb ta’ tmintax-il karat u mhux deheb pur kif jidher fil-gazzetta tal-Gvern

It-Tribunal sema ukoll lil Davit Borg rapprezentant tal-konslu fejn qal illi l-prezz tad-deheb kien ta’ tnejn u ghoxrin Ewro punt zero hamsa tmienja centezmi (€22.058) kull gramma.

It-Tribunal ra wkoll in-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentat il-konvenuta fejn reghget spjegat illi minkejja li gie dikjarat illi l-prezz tad-deheb ta’ 24 karat kien jiswa tnejn u ghoxrin Ewro punt zero hamsa tmienja centezmi

(€22.058) u tad-deheb 18-il karat kien ta' sittax-il Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€16.54) dan ma jkunx il-prezz li jhallsu l-hwienet ghad-deheb li jinbiegh peress illi meta jiddewweb id-deheb jitlef mill-karat tieghu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u jinnota illi minkejja dak li intqal fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta fejn allegat illi l-attrici accettat li ma kelliex hafna deheb dan ma jirrizulta minn imkien u fl-ebda hin l-attrici ma accettat li ma kellhiex izjed minn tlieta u sebghin punt erbgha disgha (73.94) grammi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal gia la darba sar il-ftehim tal-bejgh u l-bejgh sar u gie maqbul il-prezz allura wiehed ma jistax jerga lura minn dak li wieghed anki permezz ta' skrittura ffirmata minnu stess li ghad fadallu jghati ammont fuq dak diga mhallas. Gia la darba kien imwieghed il-prezz ta' elf sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€1,631) u thallas il-bilanc ta' elf Ewro (€1,000) u kien fadal l-ammont ta' sitt mija u wiehed u tletin centezmu (€631) allura dan jibqa dovut.

It-Tribunal ma tant ikkonvinca ruhu bl-izbal tal-ghadd fin-numri ghaliex disa' t'elef tliet mija u wiehed u tletin (9331) u sebgha mija (700) ma jammontawx ghal elf, sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€1,631) u dan tenut in kont ukoll li l-attrici xehed li l-konvenuta offritilha mitejn Ewro (€200) ohra fuq l-elf Ewro (€1,000) wara li qalet li kienet hadet zball.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill attrici s-somma sitt mija u wiehed u tletin Ewro (€631).

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta bl-imghax mid-data tal-prezentata sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------